# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1022/2014

## tas-26 ta' Settembru 2014

## li jemenda għall-220 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida, ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 7(1) (a) u 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.

(2) Fid-9 ta' Settembru 2014, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) ddeċieda li jemenda annotazzjoni waħda mil-lista tiegħu ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi. Barra minn hekk, individwu wieħed għandu jitneħħa mil-lista billi dan għandu jiġi elenkat taħt ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 753/2011 ([2]) u annotazzjoni eżistenti waħda għandha tkun emendata ulterjorment biex tinkludi informazzjoni addizzjonali li tidentifika skont id-Deċiżjoni tal-KSNU tal-15 ta' Awwissu 2014.

(3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

*Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija*

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 753/2011 tal-1 ta' Awwissu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 1).

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjoni li ġejja taħt l-intestatura “Persuni fiżiċi” tithassar:

“Qari **Rahmat** (alias Kari Rahmat). Data tat-twelid: (a) 1981 (b) 1982. Post tat-twelid: Shadal (varjant Shadaal) Bazaar, Distrett Achin, Provinċja Nangarhar, l-Afganistan. Indirizz: (a) Villaġġ Kamkai, Distrett Achin, Provinċja Nangarhar, l-Afganistan (b) Provinċja Nangarhar, l-Afganistan. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 20.8.2014.”

(2) L-annotazzjoni “Mokhtar Belmokhtar (alias (a) Belaouar Khaled Abou El Abass, (b) Belaouer Khaled Abou El Abass, (c) Belmokhtar Khaled Abou El Abes, (d) Khaled Abou El Abass, (e) Khaled Abou El Abbes, (f) Khaled Abou El Abes, (g) Khaled Abulabbas Na Oor, (h) Mukhtar Belmukhtar, (i) Abou Abbes Khaled, (j) Belaoua, (k) Belaour). Data tat-twelid: 1.6.1972. Post tat-twelid: Ghardaia, l-Alġerija. Nazzjonalità: Alġerin. Informazzjoni oħra: (a) Isem il-missier huwa Mohamed u isem l-omm huwa Zohra Chemkha, (b) Membru tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni ta’ Al-Qaida fil-Magreb Iżlamiku (AQIM); (c) Il-Kap ta’ Katibat el Moulathamoune attiva fir-raba’ reġjun ta’ AQIM (is-Sahel, is-Sahara). Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4(b): 11.11.2003.” tinbidel b’dan li ġej:

“Mokhtar Belmokhtar (alias (a) Belaouar Khaled Abou El Abass, (b) Belaouer Khaled Abou El Abass, (c) Belmokhtar Khaled Abou El Abes, (d) Khaled Abou El Abass, (e) Khaled Abou El Abbes, (f) Khaled Abou El Abes, (g) Khaled Abulabbas Na Oor, (h) Mukhtar Belmukhtar, (i) Abou Abbes Khaled, (j) Belaoua, (k) Belaour). Data tat-twelid: 1.6.1972. Post tat-twelid: Ghardaia, l-Alġerija. Nazzjonalità: Alġerin. Informazzjoni oħra: (a) Isem il-missier huwa Mohamed u isem l-omm huwa Zohra Chemkha, (b) Membru tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni ta’ Al-Qaida fil-Magreb Iżlamiku (AQIM); (c) Il-Kap ta’ AI Mouakaoune Biddam, AI Moulathamoun u AI Mourabitoun. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 11.11.2003.”

(3) L-annotazzjoni “Hamid Hamad Hamid **al-’Ali**. Data tat-twelid: is-17 ta’ Novembru 1960. Post tat-twelid: (a) il-Kuwajt, (b) il-Qatar. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 15.8.2014.” tinbidel b’dan li ġej:

“Hamid Hamad Hamid **al-’Ali**. Data tat-twelid: is-17 ta’ Novembru 1960. Post tat-twelid: (a) il-Kuwajt, (b) il-Qatar. Nazzjonalità: Kuwajti. Nru tal-Passaport: (a) 001714467 (passaport Kuwajti), (b) 101505554 (passport Kuwajti). Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 15.8.2014.”